# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 1 ta' 2022, miżmuma nhar it-12 ta' Jannar 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar | | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (Online) | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • Angelo Micallef | Hal Balzan LC | | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Stephen Cordina | H'Attard LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |

Membri Assenti:

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Is-Sur Angelo Micallef kellu jitlaq fl-20:45hrs.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

1.1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

1.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

1.3: Komunikazzjoni tal-President;

1.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

1.5: Kumunikazjoni

1.6: Rapporti;

1.6.1 Financil Report 2021

........1.6.2 Budget 2022 - 2025

1.7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;

1.7:1 Tenders

1.7.2 Attivitajiet Reġjonali

1.7.3 Ħatra ta' Vici President

1.7.4 Bidla ta' firem.

1.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President is-Sur Clifford Galea. Is-SE, għan-nom tal-membri, feraħ lil-President il-ġdid u awguralu għall-ħidma tiegħu.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Stephen Cordina u Is-Sinjur Trevor Fenech kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 12 ta' 2021, miżmuma f'Diċembru, ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati. Romilda B Zarb issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma mill-minuti:

Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea irringrazja lil membri presenti u fetah l-ewwel laqgha tieghu. Il-membri, kif ukoll is-SE ferħu lill-president u awgurawlu ħidma tajba.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President is-Sur Clifford Galea Vella qal li matul dawn l-aħħar tliet xhur kien iltaqa' kważi mal-Kunsilli kollha kif ukoll mal-amministrattiv tar-Reġjun. Huwa qal ukoll li kien ħa nota ta' dak diskuss u ser ikun qed jaħdem biex jilħaq il-miri stabiliti. Importanti li r-Reġjun ma jkunx qed jirreplika dak li jagħmlu l-Kunsilli. Numru ta' Kunsilli semmew il-kontribut siewi mogħti lill-komunita' mir-Reġjun, bħal pereżempju bil-korsijiet taċ-Child Care.

Il-President irrimarka li jistenna iktar interess mill-Kunsilli għall-iskemi maħruġa mir-Reġjun, fid-dawl tal-fatt li numru ta' skemi baqaw ma kienux utilizzati

Matul l-aħħar ġimgħa, l-staff tar-Reġjun assista lil Kunsill ta' Hal Balzan, minhabba il-fatt li hadiema harget positiva ghal-Covid 19 u kullhadd spicca kwarantina.

Is-Sur Angelo Micallef, irringrazza lil-President u lil l-staff ta' l-Ghajnuna motghija biex ikun jista jinfetah l-ufficju tal-Kunsill u jinqeda il-publiku.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romida B Zarb staqsiet fuq il-parking bollards. Is-SE wieġeb li kien ser jikteb lil TM fuq il-policy li hemm fuq dawn, u jitlob laqgħa ma' TM.

Parkeġġ fl-skejjel. Alfred Grima qal li l-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar jinsab f'diskussjonijiet avvanzati fuq MOU biex jinfetaħ il-parkeġġ tal-iskola tal-Qawra. Dan fil-fatt kienet kundizzjoni fil-permess maħruġ għall-bini tal-istess skola. John Buttigieg u Romilda B Zarb, qalu li bħala Kunsilli rispettivi jixtiequ wkoll jaraw li jkun hemm MOUs fuq l-iskeljjel fil-lokalitajiet tagħhom. Qalu li għandu jkun hemm kumpens mill-pubbliku talli juża l-parkeġġ. Is-SE għandu jikkomunika mal-Ministeru kif ukoll ma' FES fuq din il-kwistjoni.

Parking Policy Document – Il-Membri staqsew jekk kienx ingħata aktar żmien ta' konsultazzjoni għal dan id-dokument. Is-SE għandu jikkomunika mal-ex President u jara x'kien diskuss f'AKL

Spejjeż relatati mar-rilaxx tal-garanzija bankarja.
Alfred Grima spjega li l-Kunsill qed ikollu jħallas lill-perit meta jiġi biex jirrilaxxa l-garanzija bankarja li jagħmlu l-kuntratturi minħabba l-bankini. Saret diskussjoni u ħareġ li l-maġġoranza tal-Kunsilli jitolbu lill-contracts manager jivverifika jekk il-bankina tkunx fi stat tajjeb, u mhux jitqabbad il-perit.

## – Komunikazzjoni

Is-SE informa lill-membri li x-xogħol biex tkun aġġornata l-website bil-Kunsilli Lokali l-ġodda u t-tneħħija tal-antiki kien lest. Alfred Grima issuġġerixxa li r-Reġjun għandu jitlob lid-DLG il-fondi ta' dan ix-xogħol. Is-SE ser ikun qed jikteb lid-Dipartiment rigward dan.

## – Rapporti

Is-SE talab li titwaqqaf il-laqgħa biex ikun ippreżentat ir-rapport finanzjarju. John Buttigieg, issekondat minn Christianne Mifsud talab sospenzjoni tal-laqgħa. Il-membri qablu unanimament. Il-laqgħa twaqfet fis-19:10hrs u reġgħet infetħet fis-19:30hrs.

Paul Vella ippropona li r-rapport finanzjarju jkun approvat. Christianne Mifsud issekondat. Il-membri qablu unanimament.

Alfred Grima qal li minħabba il-high capital tax, il-Kunsill kien qed jara jiftaħx kont mal-APS, liema bank ma kienx qed iżomm din it-taxxa. Is-SE ser jara jitkellimx mal-APS u jirraporta lura lir-Reġjun. Alfred Grima talab lis-SE jitkellem mal-accountant u jara jekk jinfetaħx kont ġdid biex fih jinżammu l-flus li qed jiġġemmgħu għal-propjeta'. Dan biex jitniżżel il-persentaġġ tal-figuri. Is-SE ser jitkellem mal-accountant u jara x'jista jsir.

Is-SE intalab ukoll jiġri wara d-DLG minħabba l-155K ewro li tħallsu bħala settlement lil TOAD ltd.

– Affarijiet oħra

**Nudging Tourism** – Il-Professur Attard flimkien mal-istudenti tagħha kienu bdew numru ta' laqgħat mal-Kunsilli biex jispjegaw ir-riċerka tagħhom, kif ukoll biex jidentifikaw fejn jistgħu jitwaħħlu t-totem poles. Dan proġett tar-Reġjun mibdi s-sena l-oħra li wasal għat-tieni fażi tiegħu. Is-SE intalab biex issir preżentazzjoni lill-membri tar-Reġjun.

**Proġett estenzjoni tas-Silver T**. Is-SE intalab jitkellem mal-management tas-Silver T u jara kif jista jkun estiż is-servizz fuq bażi Reġjonali.

**Ħatra ta' Viċi President.** Il-President Galea beda billi rringrazzja lis-Sur Paul Vella tax-xogħol li għamel bħala Viċi President. Huwa kompla li jixtieq jinnomina lis-Sindku Anne Marie Muscat Fenech Adami bħala Viċi President. Saret diskussjoni bejn il-membri. John Buttigieg qal li ma jħossx li jkun sewwa li kemm il-President kif ukoll il-Viċi President ikunu mill-istess lokalita' tan-Naxxar. Paul Vella issuġġerixxa li l-Viċi President għandu jkun John Buttigieg, li huwa wieħed mill-eqdem membri tar-Reġjun, kif ukoll serva fuq il-kumitat amministrattiv. Anne Marie Muscat Fenech Adami irringrazzjat lil-President u qalet li m'għandhiex tkun problema li t-tnejn li huma min-Naxxar, u temmen li l-President u l-Viċi President għandhom ikunu mill-partiti opposti. Għal dan il-kumment, ħafna mill-membri rrimarkaw li fil-passat dan ma kienx il-każ u qatt ma kien hemm problema f'dan ir-rigward. Il-President ippropona li jomrru għall-votazzjoni, iżda l-membri talbu li din tkun posposta għal-laqgħa li jmiss. Il-membri qablu li dan il-vot għandu jittieħed fil-laqgħa li jmiss.

**Uniformijiet ġodda**
Alfred Grima, issekondat minn John Buttigieg ippropona li r-Reġjun ikollu uniformijiet ġodda. Il-membri qablu unanimament.

**Plakka Kommerativa -** Romilda B Zarb ipproponiet li ssir plakka ġdida tikkommemora r-Reġjun il-ġdid. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-SE ippreżenta numru ta’ proġetti, budget plan għas-sena 2022 u pjan ta’ ħidma 2022 – 2025. Ta spjegazzjoni tal-proġetti li hemm maqbula kif ukoll numru ta’ proposti ġodda. Il-proposti ġodda ser ikunu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**Proġetti Approvati għal 2021 u immexxija**

i. **Education Courses** 22.5K–Customer Care Course, First Aid kif ukoll Fire Fighting Course. Dawn għandhom ikunu miftuħin għall-membri tal-istaff u il-Kunsilliera. Il-Budget huwa ta’ 5000 ewro għal kull kors. Għandhom isiru ukoll 5 laqgħat għall-Kunsilliera matul is-sena, budget ta’ 7500 Ewro.

ii. **Virtual Tour Website 50K**– Il -proċess ta’ Virtual Tour Website fejn ikun hemm 3D tours u views ta’ affarijiet interessanti tar-Reġjun, presentament ghaddej.

iii. **Ktieb Reġjonali fuq Knejjes u Kappelli 20k** – It-tieni ktieb reġjonali, din id-darba bis-suġġett ikun il-kappelli u l-knejjes tar-Reġjun. Budget ta’ 20K Ewro

iv. **Regional Youth Band Festival – 50K** r-Reġjun itella Festival għaż-żgħażagħ ibghazat fuq il-mużika. Budget 50,000 Ewro

v. **Regional Emerging Artists Fund & Collective Exhibition – 35K.** Progett b’ fond ta’ 35K biex isiru workshops fuq l-Arti, kif ukoll issir esebizzjoni kollettiva għal 24 artist ġdid fir-Reġjun.

vi. **Regional research Fund for Masters and PHD students** – 20K Fond ta’ 20 elf ewro li jservi bħala research fund għal studenti ta’ PHD u Masters għal riċerka li ssir u taffetwa lir-Reġjun.

vii. **Regional Street Art and Murals Festival -50K** Festival reġjonali fuq street art u murals, b’fond ta’ 50 elf ewro.

viii. **Victroia Lines Festival and reenectment – 35K** –Festival Reġjonali rigward il-Victroia Lines, b’fond ta’ 35K ewro.

ix. **Regional Kayak race/Tour 10K** – fond ta’ 10 elef ewro, attivita’ bil kayaks mal-kosta reġjonali, mil-Ġnejna sa’ Baħar ic-Caghaq.

x. **Footbal nurseries festival** – 10K festival reġjonali tal-football nurseries b’fond ta’ 10K.

xi. **Assistenza reġjonali għal outdoor sport facilities 30k** – Fond biex ir-Reġjun jgħin lill-Kunsilli Lokali f’xiri ta’ faċilitajiet sportivi gha;-adulti li jintużaw fit-triq, b’fond ta’ 30 elf ewro.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

xii. **Perception Survey – 15K –** Fond biex is- isir survey reġjonali fuq il-perċezzjoni u stennija tan-nies fuq il-Kunsilli Lokali, il-membri qablu.

xiii. **Social Impact Assesment –** Fond ta' 35K Ewro biex issir dan l-istudju.

xiv. **Nudging Active Travel – 25K** il--proġett Nudging Active Travel hekk kif preżentat waqt il-forum reġjonali mil-Professur Attard, presentament jinsab fil fazi tat-tweetieq. . Għal dan il-progett hemm fond ta' 25 elf ewro.

xv. **Trasport reġjonali – 50K.** fond ta' 50K ewro għal proġett tat-trasport biex itteejjb ilt-trasnport ghal-publiku gewwa ir-regjun.

xvi. **Assistenza Libreriji Reġjonali 10K –** Fond biex r-Reġjun jgħin lil-Libreriji reġjonali b'fond ta' 10K ewro.

xvii. **Assistenza marketing kulturali – 26K –** Fond ta' assistenza għal marketing ta' attivitajiet kulturali mir-Reġjun ta' Euro 18-il elf, kif ukoll tmint elef ewro ta' assistenza reġjonali għal marketing b'midja soċjali.

xviii. **NGO Publications assistance 20K –** Fond biex r-Reġjun jghin u jkollu presenza fill paġni tal-publikazzjonijiet ta' NGO's (registrati) biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

xix. **Journal Reġjonali 20k** Fond biexi r-Reġjun jibda jagħmel publikazzjoni annwali.

xx. **Xiri ta' propjeta' 600K –** Fond ta' 600 elf biex imur għal xiri ta' propjeta' reġjonali. .

Progetti proposti li ser ikun diskussi fil-laqgha li jmiss:

1. Street Events festival Fund fir-regjun kollu (propost 50K)

2. CCTV Cameras surveillance – Propost 30K

3. AED devices propost 30K

4. Animal Welfare Projects - Propost 20K

5. Disaster management communications – propost 25K

6. Kors ghal Komunita fuq roof gardens, green walls u hydroponics – propost 10K

7. Kotba – il-Musica u l-Banded tar-Regjun, Il-Kult marjan fir-regjun, l-arti fr-regjun – Propost 50K

8. Vjagg ghal-membri anzjani tar-regjun (sussidju) propost 10K

9. L-integrazjonu u l-Komunita – Konferenza – Propost 10K



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**Bidla tal-Firem tal-Bank.**
Is-SE preżenta formola tal-bank (BOV) biex b'effett immedjat, jinbidlu l-firmatarji tar-Reġjun. Dan wara li fl-elezzjoni tal-Presidenti miżmuma f'Ottubru 2021, is-Sur Galea kien rebaħ l-elezzjoni. Is-Sur Galea beda fil-kariga ta' President tar-Reġjun fl-ewwel tas-sena 2022. Il-Membri qablu unanimament,

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 146 kienet preżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 9 ta' Frar 2022, fis-sitta ta' filgħaxija. .

__________________________ ______________________________

| | |
|---|---|
| Clifford Galea | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 9 ta' Frar 2022.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt